



24.10.2012

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0590/2011, ippreżentata minn Giovanna De Minico, ta' nazjonalità Taljana, dwar l-interċettazzjoni tat-trażmissjoni tad-dejta permezz tal-Internet

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta tindika li s-sistema ta' komunikazzjoni Skype tuża sistema ta' ċifrar li ma tistax tiġi ddeċifrata u barra minn hekk ma tippermettix ir-rikostruzzjoni tat-traffiku tat-telefonija, biex b'hekk Skype sar strument partikolarment adattat għall-komunikazzjonijiet bejn in-netwerks kriminali transazzjonali.

F'dan ir-rigward, issostni li hemm il-bżonn li din is-sistema tkun soġġetta għall-istess obbligi bħal dawk imposti fuq il-kumpaniji tat-telefonija mobbli u fissa, kif stipulati mid-Direttiva 2006/24/KE u d-Direttiva 2002/58/KE, li, pereżempju jimponu l-obbligu li dejta meħtieġa biex tiġi identifikata komunikazzjoni tinżamm għal perjodu minimu ta' 6 xhur

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-26 ta' Settembru 2011. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni skont Artikolu 202(6).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ottubru 2012.

Il-petizzjonanta, ta' ċittadinanza Taljana, tindika li l-fornituri tas-servizzi tal-VOIP (Voice-over-the-internet) (bħal Skype) jużaw sistema ta' ċifrar li ma tistax tiġi ddeċifrata li ma tippermettix ir-rikostruzzjoni tat-traffiku tat-telefonija, biex b'hekk Skype sar strument partikolarment adattat għall-komunikazzjonijiet bejn in-netwerks kriminali transkonfinali.

F'dan ir-rigward, il-petizzjonanta temmen li fornituri ta' servizzi bħal dawn għandhom ikunu

soġġetti għall-istess obbligi bħal dawk imposti fuq il-fornituri tas-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku u netwerks ta' komunikazzjoni pubbliċi (li jinkludu t-telefonija mobbli u fissa), kif stipulat mid-Direttiva 2006/24/KE¹ li timponi obbligu li dejta meħtieġa biex tiġi identifikata komunikazzjoni tinżamm għal perjodu ta' bejn 6 xhur u sentejn. Il-petizzjonanta tistaqsi wkoll jekk hemmx l-intenzjoni li tiġi riveduta l-leġislazzjoni tal-UE fil-qasam tal-interċezzjoni telefonika billi titqies in-natura tal-VOIP.

L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni

Fid-diskussjonijiet mal-partijiet interessati, il-Kummissjoni regolarment tqis l-estent sa fejn id-Direttiva ttejjeb l-effettività tal-infurzar tal-liġi, fil-kuntest tal-Grupp ta' Esperti dwar iż-Żamma ta' Data (stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/324/KE²), li adotta dokument ta' pożizzjoni dwar is-suġġett tat-telefonija fuq l-internet u l-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/24/KE³.

Dwar il-kwistjoni tal-interċezzjoni telefonika, id-Direttiva 2006/24/KE teskludi b'mod espliċitu (l-Artikolu 5(2)) iż-żamma ta' kwalunkwe data li tiżvela l-kontenut ta' komunikazzjonijiet.

Fil-preżent, ma hemm l-ebda evidenza, f'termini ta' benefiċċju għall-investigazzjoni kriminali jew il-funzjonament mingħajr xkiel tas-suq intern, ta' kwalunkwe ħtieġa għal azzjoni tal-UE f'dawn l-oqsma, iżda l-Kummissjoni se tkompli tirrieżamina l-kwistjoni.

¹ Id-Direttiva 206/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' netwerks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE, ĠU L105, 13.04.2006, p. 54.

² Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/324/KE tal-25 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi grupp ta' esperti Il-Pjattaforma dwar iż-Żamma ta' Data Elettronika għall-Investigazzjoni, l-Iskoperta u l-Prosekuzzjoni ta' Reati Serji, ĠU L 111, 23.4.2008, p. 11-14.

³ http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/police-cooperation/data-retention/experts-group/index_en.htm